Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tat-3 ta' Mejju 2007 — Il-Kummissjoni vs L-Irlanda

(Kawża C-391/06)

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2003/4/KE — Libertà ta' aċċess għall-informazzjoni — Informazzjoni dwar l-ambjent — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst"

Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Eżami tal-mertu mill-Qorti tal-Ġustizzja — Sitwazzjoni li għandha tittieħed in kunsiderazzjoni — Sitwazzjoni fl-iskadenza tat-terminu stabbilit mill-opinjoni motivata (Artikolu 226 KE) (ara l-punt 7)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jieħu, fit-terminu stabbilit, il-miżuri kollha neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-28 ta' Jannar 2003, dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva 90/313/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 41, p. 26).

Dispożittiv

1) Billi ma adottatx, fit-terminu previst, il-miżuri leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi kollha neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-28 ta' Jannar 2003, dwar

l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE, l-Irlanda naqset mill-obbligi tagħha taħt din id-direttiva.

2) L-Irlanda hija kkundannata tbati l-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) ta' l-10 ta' Mejju 2007 — Il-Kummissjoni vs Il-Belġju

(Kawża C-407/06)

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2003/105/KE — Protezzjoni tal-ħaddiema — Perikli marbuta ma' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi perikolużi — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst"

Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Eżami tal-mertu mill-Qorti tal-Ġustizzja — Sitwazzjoni li għandha tittieħed in kunsiderazzjoni — Sitwazzjoni fl-iskadenza tat-terminu stabbilit mill-opinjoni motivata (Artikolu 226 KE) (ara l-punt 9)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas milli jieħu, fit-terminu previst, il-miżuri neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2003/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2003, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE dwar il-kontroll fuq il-perikoli ta' aċċidenti kbar li jinvolvu sustanzi perikolużi (ĠU L 345, p. 97).